MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2013

Talba Numru. 392/2012

**Abigail Sammut (ID 494288 M) f'isimha proprju u f'isem il-proprjetarji ta' Vivant Court**

**vs**

**William Colin Morfitt (ID 33123 A) u Jennifer Morfitt (Passaport Ingliz 452080852)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici ddikjarat illi r-rikorrenti giet debitament awtorizzata mill-proprjetarji kollha sabiex tamministra l-block mod informali; illihija gabret l-ispejjez u l-kontijiet tal-komun, kif jirrizulta mill-prospett Dok. A; illi wkoll se jsiru tiswijiet urgenti u necessarji kif jirrizulta minn Dok. B; illi sehem l-intimat huwa ta' € 452.88 ghal spejjez generali tal-komun, u € 700 ghall-faccata skond il-*quotation*; illi mitlub diversi drabi, l-intimat naqas milli jaghmel il-kontribuzzjonijiet tieghu, u ghalhekk qed issir din it-talba, u r-rikorrenti giet

moghtija l-prokura sabiex taghmel dan permezz ta’ Dok. C.

Bl-ispejjez u l-interessi u l-konvenuti huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill- konvenuti jhallsu s-somma ta’ elf mija tnejn u hamsin Euro u tmienja u tmenin centezmu (€ 1,152.88), bl-imghax kif mitluba. L-ispejjez jkunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------